

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tisħiħ tal-governanza lokali u d-demokrazija rappreżentattiva permezz ta' strumenti teknoloġiċi diġitali ġodda

(2021/C 37/08)

Relatur: Rait PIHEL GAS (EE/Renew Europe), President tal-Kunsill Muniċipali ta' Järva

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jirrikonoxxi li l-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha qed jiffaċċjaw sfidi dejjem aktar kumplessi u mingħajr preċedent, li jvarjaw mill-globalizzazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u l-impatt tat-teknoloġija, għat-tibdil fil-klima u t-tibdil demografiku, sas-sigurtà, id-diżinformazzjoni, il-kwistjonijiet tas-saħħa u r-radikalizzazzjoni;
2. jilqa' bi pjaċir il-prijorità tal-politika tal-Kummissjoni Ewropea li tagħmel "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali" u s-sejħa tal-President von der Leyen biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn dinja diġitali bbażata fuq il-valuri Ewropej; jappoġġja l-prijorità ta' politika "Spinta għida għad-demokrazija Ewropea" u l-impenn tal-President tal-Kummissjoni fir-rigward ta' parteċipazzjoni aktar demokratika u għal aktar trasparenza fit-tehd tad-deċizzjonijiet tal-UE;
3. jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, peress li dan huwa rifless fil-proposta l-għida tagħha għal Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, u l-allokkazzjoni ta' EUR 8,2 biljun għall-programm Ewropa Diġitali ⁽¹⁾;
4. jappoġġja l-proposta tal-Parlament Ewropew fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, adottata fil-15 ta' Jannar 2020, biex tinkludi t-"trasformazzjoni diġitali" bħala waħda mill-prijoritajiet politiċi għall-Konferenza; jaqbel mal-pożizzjoni tiegħu li l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tal-Konferenza u l-konsultazzjonijiet għandha tiġi organizzata bl-użu "tal-aktar pjattaformi effiċjenti, innovattivi u adatti, inklużi għodod online, u għandhom jilhq u kull parti tal-UE, sabiex jiġi garantit li kwalunkwe ċittadin jista' jkun involut matul il-ħidma tal-Konferenza"; jenfazizza li l-Konferenza għandha sservi bħala l-post ta' ttestjar biex tiġi żviluppata forma ta' djalogu strutturat u permanenti maċ-ċittadini dwar kwistjonijiet tal-UE, li parti sostanzjali tiegħu ser ikollu jkun ibbażat fuq mezzi diġitali u proċessi innovattivi, mhux l-inqas fid-dawl tar-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19;
5. itenni l-pożizzjonijiet rilevanti u kuntestwali mill-Opinjonijiet preċedenti tal-KtR:
 - L-Opinjoni *Il-perspettiva lokali u reġjonali dwar il-promozzjoni tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku permezz ta' soluzzjonijiet diġitali*, adottata fil-plenarja tal-KtR fit-30 ta' Novembru 2017 ⁽²⁾. Il-KtR jagħti ħarsa lejn id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni bħala mezz biex jipprovdi servizzi aħjar liċ-ċittadini u jafferma r-rwol ewlieni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jaqdu fil-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku. Iħeġġeġ lis-settur pubbliku biex jimpenja ruħu fl-innovazzjoni li tiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u li tagħti aċċess indiskriminat għas-servizzi diġitali għal kulħadd u għal kull negozju u jenfazizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni u skambju ta' prattiki tajbin u innovattivi bejn l-amministrazzjonijiet u bejn il-fruntieri.
 - L-Opinjoni *Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020*, adottata fil-plenarja tal-KtR fil-11 ta' Ottubru 2016 ⁽³⁾. Il-KtR jappoġġja l-prinċipju li l-forniment diġitali tas-servizzi jsir il-metodu awtomatiku ta' kif jiġu pprovduti s-servizzi mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, u jenfazizza li jridu jsiru sforzi fit-tul sabiex tiżdied l-inklużjoni diġitali ħalli aktar nies ikunu jistgħu jaċċessaw l-infrastruttura u jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni. Il-KtR jirrikonoxxi li l-amministrazzjonijiet trasparenti li jipprovdu d-data u s-servizzi b'mod miftuħ u sigur huma importanti biex tiżdied it-trasparenza u l-effiċjenza, iżda fl-istess ħin jindika l-ħtieġa għal livell

⁽¹⁾ Il-baġit tal-UE jmessi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa (COM(2020) 442 final).

⁽²⁾ COR-2017-03529-00-00-AC-TRA (ĠU C 164, 8.5.2018, p. 34).

⁽³⁾ COR-2016-02882-00-01-AC-TRA (ĠU C 88, 21.3.2017, p. 54).

għoli ta' protezzjoni għal ċerti tipi ta' informazzjoni u data personali. Barra minn hekk, il-KtR jappoġġja l-prinċipju li s-servizzi tal-gvern elettroniku tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom ikunu transkonfinali b'mod awtomatiku, u jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntiera, jistgħu jaqdu rwol kruċjali fl-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi transkonfinali li jkunu rilevanti, effettivi u mingħajr xkiel.

— L-Opinjoni *Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa*, adottata mill-plenarja tal-KtR fis-7 ta' Diċembru 2016⁽⁴⁾. Il-KtR jappella għall-investment fil-ħiliet u t-taħriġ diġitali u jqis id-diġitalizzazzjoni bħala opportunità biex jiġu indirizzati bosta sfidi edukattivi;

6. jenfasizza li t-trasformazzjoni diġitali ma tridx titwettaq permezz tat-teknoloġija, iżda li l-bidliet għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini, li għalihom għandhom jiġu żviluppati t-tweġibiet l-aktar trasparenti, l-aktar inklużivi, l-aktar faċli biex jintużaw, l-aktar siguri u l-aktar kosteffettivi. Dan ifisser li l-isfidi l-ġodda jeħtieġu bidliet ukoll fil-livell lokali u reġjonali, li l-implimentazzjoni tagħhom primarjament tiddependi mhux l-inqas mill-kapaċità tal-maniġers li jidentifikaw dawn il-ħtiġijiet u r-rieda li jiġu implimentati l-aktar bidliet adatti. F'demokrazija moderna, mhuiwix biżżejjed li tiġi eżerċitata d-demokrazija rappreżentattiva fuq bażi regolari, għandu jkun hemm l-involvement kostanti tal-membri tal-komunità, tal-gruppi ta' interess u tal-organizzazzjonijiet. L-inklużjoni u l-parteċipazzjoni jwasslu għal deċiżjonijiet aħjar, isaħħu d-demokrazija, is-sens ta' komunità u r-rieda li wieħed jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reġjun;

7. jinnota li filwaqt li r-relazzjonijiet tradizzjonali bejn iċ-ċittadini u l-politiċi qed jinbidlu b'mod sinifikanti, qed tinħoloq arena politika diġitali ġdida fejn strumenti teknoloġiċi diġitali ġodda jistgħu jgħinu biex jinstantu soluzzjonijiet ġodda u rispons għall-isfidi, biex jitravmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku, biex jittejjeb is-servizz pubbliku, tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini permezz ta' modi ġodda u differenti, tittejjeb il-governanza lokali u d-demokrazija tiġi kkomplementata u msaħħa;

8. iqis li l-proċessi demokratiċi għandhom jevolvu u jadattaw għall-bidliet u jaħtfu l-opportunitajiet assoċjati mat-teknoloġija diġitali ġdida u l-għodod tal ICT li għandhom il-potenzjal li jtejbu l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jippromovu l-parteċipazzjoni, il-komunikazzjoni u d-djalogu, irawmu ċ-ċittadinanza attiva u l-involvement fil-ħajja politika, itejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà, u jtejbu l-leġittimità tas-sistema demokratika tagħna;

9. iqis l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet elettroniċi fl-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala opportunità eċċellenti biex iċ-ċittadini jiġu pprovduti b'servizz pubbliku ta' kwalità għolja u b'mod effettiv. Il-mili tal-formoli elettroniċi jiffranka l-ħin għaċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi, b'hekk l-impjegati jkunu jistgħu jiddedikaw aktar ħin u attenzjoni għal kompiti amministrattivi oħrajn. Barra minn hekk, id-diversi applikazzjonijiet elettroniċi jippermettu lill-membri tal-komunità jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jimmonitorjaw il-gvern fl-awtorità lokali tagħhom f'ħin reali;

10. jemmen li t-“trasformazzjoni diġitali” titwettaq l-aħjar fil-livelli ta' gvern u amministrazzjoni lokali u reġjonali; itenni li l-użu tat-teknoloġiji diġitali joħloq opportunitajiet ġodda għall-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, u biex tiġi pprovduta informazzjoni ta' kwalità għolja, jiġi analizzat ir-rispons mill-pubbliku, jintlaħqu ż-żoni remoti u ċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati, jiġu inkorporati l-ħiliet, l-għarfien u l-għarfien espert taċ-ċittadini u, flimkien magħhom, titfassal politika li tissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom;

11. iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iwettqu t-trasformazzjoni diġitali u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji diġitali biex b'hekk tiġi ffaċilitata aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għal dan il-għan, għandhom jintużaw it-teknoloġiji diġitali ġodda, jittejbu t-trasparenza, l-inklużività u r-rispons tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jinbnew il-fiduċja u d-djalogu meħtieġa għal governanza tajba. Huwa essenzjali li dan ikun akkumpanjat mit-tagħlim tal-ħiliet diġitali;

12. itenni l-importanza li jiġu inkorporati l-kontributi taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u li jiġi żgurat segwitu; jenfasizza li n-nuqqas ta' rispons min-naħa ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet iwassal għal diżappunt u nuqqas ta' fiduċja, u jirrimarka li l-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi hija fundamentali għal demokrazija lokali li tiffunzjona;

⁽⁴⁾ COR-2016-04094-00-01-AC-TRA (ĠU C 185, 9.6.2017, p. 29).

13. jenfasizza li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini għandha tkun ibbażata fuq l-aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għall-informazzjoni u l-għarfien; jirrimarka l-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk diġitali billi n-nies jingħataw is-setgħa permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-ħiliet diġitali u l-litteriżmu medjatiku, filwaqt li tingħata prijorità lill-programmi ta' taħriġ diġitali għall-gruppi tal-etajiet kollha, b'enfasi partikolari fuq l-anzjani u gruppi oħrajn vulnerabbli jew emarġinati, u t-taħriġ u l-edukazzjoni jiġu estiżi għaż-żoni rurali u remoti;

14. jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu involuti fil-ħajja pubblika; jinnota li l-ġenerazzjoni diġitali l-għdida għandha l-ħiliet meħtieġa kemm fit-teknoloġija kif ukoll fil-midja; iqis li l-użu ta' approċċi għodda tat-teknoloġija diġitali fil-proċessi ta' politika u fit-tehdid ta' deċiżjonijiet jista' jkun għodda effettiva biex jissaħħu l-involvement u l-parteċipazzjoni tagħhom;

15. jinnota li t-trasformazzjoni diġitali tinvolvi użu estensiv ta' riżorsi; jistieden lil-livelli kollha ta' gvern biex jiddedikaw riżorsi finanzjarji, umani u ta' taħriġ adegwati għal dawn l-għanijiet, u biex jiżguraw infrastruttura diġitali affordabbli u ta' veloċità għolja, b'mod partikolari f'reġjuni periferiċi u f'żoni rurali u ekonomikament inqas żviluppati, u biex jiggarrantixxu li din tkun aċċessibbli għal kulħadd, inkluż għall-persuni b'diżabilità u għall-anzjani. Itenni f'dan ir-rigward li "t-terminu 'koeżjoni diġitali' huwa dimensjoni addizzjonali importanti tal-kunċett tradizzjonali ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali definit fit-Trattat tal-UE" ^(?);

16. jenfasizza li t-teknoloġija diġitali tiddependi fuq l-użu tad-data, abilitat mill-ġbir u l-ġenerazzjoni tad-data u għal dan il-għan jappella biex id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data jkun rispettati. Għandha tintalab u tiġi pproċessata biss dik id-data li tkun rilevanti u neċessarja għall-fini speċifika inkwistjoni. Il-protezzjoni u s-sigurtà tal-Internet u tas-servizzi diġitali għandhom jiġu promossi, u ċ-ċittadini għandhom jiġu infurmati b'mod adegwat dwar dak li qed iseħħ bid-data tagħhom u dwar il-miżuri ta' sigurtà rilevanti meħuda u l-mezzi effettivi ta' rimedju f'każ ta' ksur ta' dawn id-drittijiet, inkluż qafas legali Ewropew b'saħħtu, biex b'hekk jiġu evitati n-nuqqas ta' fiduċja u n-nuqqas ta' sodisfazzjon min-naħa taċ-ċittadini. Jenfasizza, għal dan il-għan, il-ħtieġa li tiġi sfruttata l-intelliġenza artifiċjali sabiex tibqa' ċċentrata fuq il-bniedem u tintuża b'mod li jrawwem ċittadinanza intelliġenti u gvern miftuħ, u b'hekk tissaħħa id-demokrazija;

17. iwissi li l-pjattaformi tal-midja soċjali ta' spiss jiffaċilitaw it-tixrid tad-diżinformazzjoni, il-misinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda, li jistgħu jimminaw id-demokrazija u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi; jappella għal aktar impenn fit-tagħlim tal-ħiliet diġitali u jħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika lokali biex jużaw l-għodod diġitali eżistenti, il-pjattaformi online u l-midja biex jikkomunikaw u jimpenjaw ruħhom b'mod pożittiv maċ-ċittadini u mal-partijiet interessati l-oħrajn;

18. iqis bħala importanti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw il-mezzi diġitali tagħhom stess adatti biex jikkomunikaw maċ-ċittadini b'mod aktar interattiv u aktar rapidu bil-għan li jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta tkun affidabbli u rilevanti għall-ħtiġijiet lokali u reġjonali;

19. jemmen li, lil hinn mill-effetti profondi tad-diġitalizzazzjoni fuq il-ħajja soċjali tal-persuni u d-dinja tax-xogħol, l-edukazzjoni jew il-kultura, biex insemmu ftit, il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza tal-informazzjoni aġġornata u bbażata fuq il-fatti u l-importanza tal-mezzi ta' komunikazzjoni li jxerrduha. Ħareġ biċ-ċar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u ċ-ċittadini għandhom ikunu kapaċi jinteraġixxu ma' xulxin u li għandhom jiġu stabbiliti għodod diġitali adatti biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-misinformazzjoni. Dawn l-għodod għandhom dejjem jirrispettaw il-kapaċità tan-nies li jeżerċitaw bi sħiħ il-libertà tal-espressjoni tagħhom;

20. iħeġġeġ li l-attenzjoni tiffoka fuq l-aċċess ugwali u bla xkiel għas-servizzi diġitali;

21. jinnota li l-"ġenerazzjoni diġitali" żaġhżuġha hija waħda mill-aktar gruppi mmirati għad-diżinformazzjoni u diskors ta' mibegħda; jinsab imħasseb li l-użu partikolarment intensiv tagħhom tal-midja soċjali, nuqqas ta' kompetenza kritika fir-rigward tal-midja, speċjalment fost dawk b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' b'żiejaq ta' opinjonijiet omoġeni (kmamar tal-eku) iġġenerati mill-midja soċjali jistgħu jagħmlu lill-utenti żgħażaġh aktar vulnerabbli għall-manipulazzjoni politika; jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw l-istrumenti tat-teknoloġija diġitali li jkunu faċli biex jintużaw, jinfteħmu u jkunu attraenti, kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll ta' disinn, u jkunu adattati għall-ħiliet soċjali u diġitali taż-żgħażaġh biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni kritika tagħhom fir-rigward tar-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali u tal-midja għdida;

^(?) Opinjoni tal-KtR dwar "Ewropa Diġitali għal kulħadd: noffru soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u inklużivi fil-prattika" (COR-2019-03332) (ĠU C 39, 5.2.2020, p. 83).

22. jemmen li l-kriżi tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-valur potenzjali tat-telexogħol u jħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jagħtu ħarsa lejn kif jistgħu jwessgħu l-arranġamenti tat-telexogħol għall-persunal tagħhom stess;
23. itenni l-appell tiegħu għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn il-livelli kollha tal-gvern għall-kisba ta' użu aħjar u aktar tkabbir tat-trasformazzjoni diġitali tal-bliet u l-komunitajiet; ifaħħar id-diversi eżempji tajbin nazzjonali, reġjonali u lokali li juru biċ-ċar kif l-għodod diġitali jistgħu jkunu utli għad-demokrazija parteċipattiva;
24. jinnota li l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda hija mxekkla min-nuqqas tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fil-livell tal-awtoritajiet pubbliċi, li jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' mezzi diġitali. Għalhekk, huwa utli li l-ewwel nett jittieħed kont tal-ħiliet diġitali disponibbli fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, imbagħad jiġu identifikati u definiti n-nuqqasijiet teknoloġiċi fi ħdan u bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-proċess u s-soluzzjoni teknika. Hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompatibbiltà (l-interoperabbiltà) bejn is-settijiet ta' data u l-bażijiet ta' data differenti;
25. jenfasizza l-importanza tal-għodod online biex jiġu ffaċilitati s-sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE, u bejnhom u l-pajjiżi msieħba tagħhom; iqis li portal online Ewropew imġedded għall-kooperazzjoni deċentralizzata jipprovdi valur miżjud sostanzjali billi jappoġġja t-tlaqqiġ u l-iskambju ta' prattiki tajba; jafferma r-rieda tiegħu li jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-iżvilupp ta' din l-għodda diġitali;
26. jistenna li l-introduzzjoni ta' diversi soluzzjonijiet diġitali mill-awtoritajiet lokali u reġjonali li tista' twassal għal ħtieġa ta' investment sinifikanti u ta' darba, se tkun parti mill-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-baġit il-ġdid tal-UE fi ħdan il-qafas tat-trasformazzjoni diġitali;
27. japprova d-dokument ta' pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni Civic Tech Europe (ACTE) ta' Marzu 2020 li jgħid li "d-diversità tal-mudelli ta' negozju tat-teknoloġija ċivika hija l-qofol biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet rapidi li huma ffukati fuq iċ-ċittadin b'mod adegwat" u jikkondividi t-tħassib li l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea kollha mhux dejjem ikollhom aċċess faċli għal dawn l-għodod peress li ħafna drabi dawn huma żviluppati bħala pjattaformi ta' Software bħala Servizz⁽⁶⁾, li huma bbażati fuq abbonament;
28. jipproponi li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jiżviluppa miżuri li jimmotivaw u jipremjaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jsaħħaħ l-impenn tagħhom favur il-prinċipji ta' amministrazzjoni miftuħa u inklużiva. Fil-futur, dan jista' johlq kriterju ġdid ta' kwalità sabiex jitkejjel il-grad ta' demokrazija fil-komunitajiet lokali u biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki;
29. jappella li fl-Ewropa kollha jkun hemm finanzjament disponibbli biex jittejjeb il-litteriżmu diġitali u medjatiku taċ-ċittadini permezz ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ għad-diversi livelli ta' edukazzjoni, kif ukoll għall-persunal u l-uffiċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex itejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom fir-rigward tal-possibilitajiet għall-użu ta' soluzzjonijiet diġitali moderni u l-applikazzjoni tagħhom;
30. jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jagħtu prijorità lill-introduzzjoni ta' għodod diġitali fil-fondi u l-programmi kollha;
31. jitlob finanzjament għal għodod u tagħmir edukattiv diġitali sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali fl-Ewropa kollha għal apprendiment u taġħlim diġitali ta' kwalità;
32. jirrakkomanda li, jekk meħtieġ, jiġu riveduti l-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jintroduċu soluzzjonijiet u pjattaformi diġitali ġodda b'mod aktar sempliċi u aktar ekonomiku, inkluż l-aċċess għall-finanzjament tal-UE għal pjattaformi ta' Software bħala Servizz.

Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Apostolos TZITZIKOSTAS

⁽⁶⁾ Dokument ta' pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni Civic Tech Europe (ACTE), Marzu 2020.